# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**vs**

**Peter Cini**

Il-Qorti, wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta` **Peter Cini** detentur tal-karta tal-identita bin-numri 550379M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli nhar is-6 t'Awissu 2015 għall-ħabta tad-09:00 waqt li kien ġewwa zona Santa Luċija bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' Martina Cini weġġagħha bi kliem, ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor u dan bi ksur tal-Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjoni kontra l-imputat.

Semgħet il-provi prodotti;

***Ikkunsidrat : -***

Illi mill-provi prodotti jirriżulta kunflitt serju fix-xiehda bejn dak mistqarr quddiem din il-Qorti u dak li li ġie akkużat bih l-imputat. Il-Qorti ssib għalhekk li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha fl-elementi kollha tiegħu lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

## ***Decide***

Li wara li rat l-Artikolu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda ssib lill-imputat Peter Cini mhux ħati tal-imputazzjoni stante li din ma ġiex soddisfaċentement ippruvata sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum, 22 ta' Marzu 2016***

***Aaron M. Bugeja***